# Iż-Żejtun fil-Kotba

**Kitba: Dr Sergio Grech PhD (Melit.)**



L-irħula tagħna huma mimlija storja u l-awturi u r-riċerkaturi jagħmlu l-almu tagħhom biex dan il-ġmiel, li llum jinsab taħt theddida minħabba r-regħba esaġerata li ħakmitna, jiġi ċċelebrat fi ktieb. Kien hemm żminijiet meta jekk biss tiċċappas mal-istorja lokali kien meqjus bħal storiku jew awtur tat-tieni klassi imma llum qed nifhmu li l-istorja tal-lokalità għandha sehem importanti biex nifhmu fost l-oħrajn l-identità u l-provenjenza tagħna anki jekk il-qafas jaf ikun wieħed dejjaq.

Veru wkoll li kien hemm żminijiet meta din it-tip ta' storja kienet tinkiteb biex iġelled raħal kontra ieħor u ħafna drabi ma kienx hemm idea ta' x'inhu dokument u kif tinterpretah imma l-analiżi kienet tistrieħ fuq l-idea li naħa aħjar minn oħra. Mil-lat l-ieħor, l-Istorja twarrab il-passjoni u tagħżel li tkun klinika meta hi storja pura.

Mhux talli l-perspettiva nbidlet talli puntwalment qed naraw investimenti mill-kunsilli lokali jew minn għaqdiet attivi fl-irħula u l-ibliet tagħna li qed jippubblikaw ktieb wara ieħor intenzjonat l-ewwel u qabel xejn biex il-wirt storiku tar-raħal jew il-belt, ikun apprezzat u ċċelebrat (1). Grazzi għat-taħriġ universitarju u bnadi oħra, il-perspettivi nbiddlu u ma għadniex iktar bebbuxu msakkar f'dahru. Mhux hekk biss imma fi żmienna, l-istorja qed tiżżewweġ mal-fotografija li ħafna drabi tkun waħda professjonali.

Ix-xogħol klassiku fuq l-ibliet u l-irħula Maltin għal ħafna snin kien Bliet u Rħula Maltin ta' Alfie Gulliamier (2), li minkejja l-limitazzjonijiet u l-ineżattezzi tiegħu daħal fl-istampa diversi drabi u għallimna napprezzaw il-qawsalla storika. Il-kitba tal-lokalitajiet tieħu żvolta grazzi għall-kontribut ta' Dun Ġużepp Micallef, saċerdot minn Ħal Luqa, li xi ftit jew wisq kien poġġa l-pedamenti ta' kif għandha tinkiteb l-istorja tal-lokal. Il-pubblikazzjoni tiegħu Raħal fi Gwerra kienet ħolqot ħafna entużjażmu għal din il-linja ta' storja (3). Kien kiteb ukoll il-famuż Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha. Dun Ġużepp Micallef kien kiteb ukoll dwar ir-raħal żgħir ta' Ħal Safi (4).







L-ewwel test li jiffoka l-enerġija tiegħu fuq iż-Żejtun, b'ċerta attenzjoni, kien dak ta' E.B. Vella, L-Istorja taż-Żejtun u M'Xlokk (5). Il-ktieb ħareġ fl-1927. Vella kien ukoll surmast tal-iskola primarja taż-Żejtun. Interessanti li wieħed josserva li fejn kien surmast, Vella kiteb l-istorja tal-lokal.



# PYRAMID

Enterprises (Garage) Limited

**PYRAMID CAR HIRE & LEASING**

Mob: (+356) 9949 7654 | 9949 5500 Email: pyramidgarage@gmail.com




# Krojs

GARAGE




**PAUL & MARIO BUSUTTIL**

Plant & Machinery, Hire & Sales
Second Hand & New Parts
Supplies of Hydraulic Products

**Residence: 32, St. George's Str., Żurrieq - Malta Tel: 2164 7866**
**Yard c/o Wied iż-Żurrieq Tel: 2168 0638**
**Mob: 9947 7604 • E-mail: krojsgaragemalta@gmail.com**

Vella kien ħa ħsieb ukoll il-Ġabra ta' Ward (6) u meta fetħet il-kariga ta' Professur tal-Malti fl-Università hu kien fost l-applikanti (7). Fis-sena 2023, Wirt iż-Żejtun ippubblikat edizzjoni facsimile tal-ktieb 'L-Istorja taż-Żejtun u M'Xlokk'. Dan kien pass importanti għax il-ktieb ilu snin kbar nieqes miċ-ċirkulazzjoni. Għal żmienu, il-kontribut ta' Vella kien meqjus wieħed tajjeb ħafna.

Qabel dan imma fl-1913 kien deher il-ktieb 'L-Isla, iż-Żejtun, Tas-Sliema' (8) bħala parti mill-Kullana tal-Mogħdija taż-Żmien li kien jeditja u jippubblika b'ħafna dedikazzjoni, impenn u imħabba Alfons Maria Galea. Iżda t-taqsima fuq iż-Żejtun hija rapport ta' ħidma li Dun Spir Grixti kien qed jagħmel fid-Domus taż-Żejtun u anki jinkludi konferenza jew taħdita li Grixti kien ta dwar il-katekiżmu. Kienet l-epoka fejn il-Knisja Kattolika kienet qed tieqaf il-moderniżmu.

Walter Zahra u l-Kanonku Joe Abela ħadmu qatigħ biex iż-Żejtun ikollu l-istorja tiegħu miġbura u miktuba. Walter kien ippubblika 'Storja taż-Żejtun u l-Inħawi Tiegħu'. Kien hemm l-intenzjoni li dawk ikunu żewġ volumi imma għal xi raġuni dan l-appuntament ma nżammx. B'dal-ktieb, Zahra faqa' diversi bżieżaq u warrab il-ħrejjef fl-analiżi tiegħu (9).

Zahra kien interessat ukoll fl-istorja tal-parroċċa l-qadima ta' Santa Katerina li ż-Żwieten laqqmu ta' San Girgor u dwarha ppubblika wkoll ktejjeb bl-Ingliż aktarx intenzjonat għat-turist li kollu kurżità jżur iż-Żejtun (10). Walter Zahra kien interessat ukoll fil-purċissjoni votiva ta' San Girgor u l-għadam li kien instab fil-knisja tal-parroċċa l-qadima (11). Dik is-sejba kienet xegħlet l-immaġinazzjoni ta' bosta u Zahra ma kienx baqa' lura milli jagħti l-ideat u l-opinjoni tiegħu fuq il-materja (12).

Zahra filfatt huwa wkoll l-awtur ta' għadd ta' features dwar din il-knisja li nkitbu kemm għar-rediffussion kif ukoll għal-lejliet folkloristiċi li kienu jsiru madwar il-knisja lejlet il-festa ta' San Girgor li tiġi l-ewwel Erbgħa fuq kull Għid (13). Sa Zahra kien kiteb u ppubblika ballata dwar ġrajjiet il-knisja (14).

Dun Joe Abela tista' tgħid li ma ħalliex kantuniera vojta fejn tidħol l-istorja taż-Żejtun u dar dawra magħha sew (15). L-iktar pubblikazzjoni importanti tiegħu hija Il-'Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet'. Il-ktieb ħareġ ukoll bl-Ingliż u ġie ppubblikat mill-Klabb Kotba Maltin. Fih ġabar bosta mir-riċerka li kien għamel fuq il-milja tas-snin. Kotba oħra ta' Abela jinkludu 300 Sena Ilu - Tifkira tat-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokjali taż-Żejtun 1692-1992 u Iż-Żejtun Mitt Sena Arċipretali.




L-approwċ tal-Kanonku Abela u Zahra kien wieħed xjentifiku għal kollox. Abela ppubblika qatigħ ukoll fil-kotba tal-festi ppubblikati mill-parroċċa, il-baned, u l-għaqda tal-armar tal-festa ta' Santa Katarina. Abela kiteb ukoll l-istorja tal-parroċċi ta' Marsaxlokk (16) u Wied il-Għajn (17). Abela kien kontinwament juża l-arkivji speċjalment dawk tal-Knisja.

Il-Kunsill Lokali Żejtun sa minn kmieni fehem li għandu jkollu rwol fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet. Fl-1996, il-Kunsill flimkien mal-NTOM, ippubblika L-Aħħar Ħbit 1614. Fl-1997, il-Kanonku Abela kien ippubblika mal-istess kunsill, Triqat iż-Żejtun: Studju fl-Okkażjoni ta' Għeluq il-200 Sena taż-Żejtun†bħala Belt Beland, 1797-1997. Il-ktieb reġa' ġie mkabbar minn Sean Chircop u ngħata l-isem Skopri Triqat iż-Żejtun.

Fis-sena 2000, il-Kunsill Lokali Żejtun ħareġ il-ktieb Tifkira f'Ġieħ Anġlu Gatt; Bennej Żejtuni ta' Ħila kbira f'għeluq il-125 Sena minn Twelidu. Fis-sena 2002, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun ippubblika Iż-Żejtun fiż-Żminijiet tan-Nofs b'kontributi minn Charles Dalli u Godfrey Wettinger fost l-oħrajn.

Sean Chircop kompla din it-tradizzjoni ta' pubblikazzjonijet mill-Kunsill Lokali wara li ġie elett bħala kunsillier mill-votant Żejtuni bil-kultura kienet taħt id-dekasteru tiegħu. Filfatt dawn l-aħħar snin,












il-kunsill Żejtuni rebaħ diversi proġetti importanti ta' restawr fosthom dak tal-faċċata tal-knisja parrokjali, il-kappella ta' San Klement, il-kappella tal-Ispirtu s-Santu u l-kappella tas-Salvatur.

Il-Ktieb ta' Chircop hu Kelmtejn mill-Popolin fejn fih ġew inklużi kontributi bid-djalett u poeżiji li raw il-bidu tagħhom fil-konkorsi letterarji organizzati minn Chircop u l-Kunsill Lokali. Chircop ippubblika wkoll Explore Żejtun; gwida turistika dwar il-Belt Beland. Il-gwida tinqsam f'diversi partijiet u t-turist fost l-oħrajn jista' jaqbad passiġġati differenti madwar ir-raħal li jgħinuh jiskopri bnadi partikulari fiż-Żejtun. Fil-gwida hemm ħafna tagħrif attwali dwar iż-Żejtun minbarra l-partijiet dwar l-istoriċi.

Ktieb importanti ta' Chircop hu Riflessi miż-Żejtun. Il-ktieb iżżejjen bil-fotografija ta' Charles Mifsud u jpoġġilna fuq platt il-ħajja preżenti taż-Żwieten kif ukoll jiftaħ tieqa fuq il-passat u jipprova jispjega min hu u min kien iż-Żejtuni. Mal-grupp Wirt iż-Żejtun, Sean Chircop kien ippubblika Statwi u Niċeċ fi Triqatna.

It-twaqqif ta' Wirt iż-Żejtun kien strumentali biex b'mod konsistenti tibda librerija ta' kotba li jmissu maż-Żejtun u niesu. Fost dawn is-sensiela Għamlulna Ġieħ li tinkludi kotba dwar Klement Tabone, Xandru Farrugia, Michele Cachia, Carlo Diacono u Walter Zahra. Din l-għaqda tuża kemm-il Malti u kemm l-Ingliż fil-pubblikazzjonijiet tagħha. Fost is-sensiela ta' kotba bl-Ingliż insibu The Turkish Raid of 1614, The Cathedral of the East u The Żejtun Roman Villa. Numru ta' kotba ta' Wirt iż-Żejtun tqassmu mingħajr ħlas jew b'donazzjoni mill-membri wara li nkisbu fondi mill-gvern ċentrali. Wirt iż-Żejtun qabdet l-idea li torganizza s-simposju u dawn biex ma jintilfux isiru kotba.

Kontribut importanti ieħor ta' Wirt iż-Żejtun hu dak ta' Giulia Privitelli dwar il-knisja parrokjali li fih tat tagħrif ġdid dwar it-tempju ta' Gafa'. Fl-1969, Walter Zahra kien ħareġ gwida tat-tempju msemmi. Imma minn dak iż-żmien, dokumentazzjonijiet ġodda żvelaw possibiltajiet ġodda differenti. Il-ktieb, Il-Knisja Parrokjali ta' Santa Katerina ta' Lixandra għandu daħla tal-Professur Conrad Thake. Oriġinarjament, ix-xogħol ta' Privitelli kien teżi li kienet ġiet ippreżentata lill-Fakulta' tal-Arti fl-Università ta' Malta. Privitelli għandha wkoll kapitlu fil-ktieb ta' Michele Cachia, imsemmi hawn fuq. Illum hija editriċi tar-rivista Treasures of Malta; pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti.

Fis-sena 2024, Wirt iż-Żejtun ippubblikat Iż-Żejtun Citta Beland: Our Heritage, Our Place, Our Life miktub minn Vincent Zammit b'fotografija professjonali ta' Daniel Cilia. Dan hu coffee table book b'introduzzjoni mill-President Emeritus it-Tabib George Vella li jiċċelebra lil dan il-belt u wirtha. Dan il-ktieb mela vojt kbir.

Il-baned Żwieten ħadu ħsieb ukoll li jippubblikaw l-istorja tagħhom. Francis Galea ppubblika l-istorja tal-Għaqda Banda Żejtun bil-ktieb Miż-Żejtun: L-Għaqda Banda Żejtun, waqt li Dun Joe Abela ppubblika Beland: 150 Sena ta' Storja għall-Banda Beland.

Il-festa ta' Santa Katarina ġġenerat ħafna letteratura dwar iż-Żejtun u l-passat tiegħu. Il-kotba tal-festi tal-grupp tal-armar, tal-parroċċa u tal-baned taw spazju għall-mijiet minn dan l-artikli. Wirt iż-Żejtun ippubblikat database ta' wħud mill-artikli msemmija fis-sit tagħhom (18). Fost l-awturi Żwieten l-iktar prolifiċi f'dan is-settur ta' min isemmi lil Kanonku Joe Abela, il-Perit Ruben Abela, Karmenu Baldacchino, Dr Sandro Debono, Charles Debono, Lino Psalia, Joe Mercieca, Dun Ġino Gauci, Frans Zahra u oħrajn.

Hemm kotba oħrajn li mhux speċifikament fuq iż-Żejtun imma li ż-Żejtun jidħol kexxun fihom. Fost dawn It-Tabib Sandy ta' Sergio Grech li jiffoka fuq it-Tabib Alexander Cachia Zammit (19) u Il-Ġenn li jżommni f'Sikti, l-awtobijografija ta' Trevor Żahra (20). Iż-Żejtun joħroġ ħafna fil-ktieb Trevor Żahra: Bejn Storja u Miti editjat minn Sergio Grech u fost l-oħrajn, fl-introduzzjoni tal-ktieb tista' taqra dwar l-ambjent tal-pjazza taż-Żejtun fejn trabba l-istess Żahra (21).

Il-Professur Godfrey Wettinger isemmi liż-Żwieten fil-

lista tad-dejma tal-1419 u l-1420 (22). Fil-kapolavur tiegħu Place Names of the Maltese Islands, Wettinger jirreferi għall-għelieqi u żoni li kienu jaqgħu fiż-Żejtun. Hemm referenza mill-iktar sinjura meta l-Professur Wettinger jirrapporta x'sab dwar Ħal Tmiem fejn l-isem juri biċ-ċar isem Għarbi (23).

Hemm ukoll il-ktieb ta' Mario Buhagiar u Patri Serafin Zarb St. Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands li kien pubblikazzjoni konġunta bejn il-parroċċi taż-Żejtun u ż-Żurrieq. Iż-Żejtun jerġa' jixref fis-sensiela Teżori fil-Knejjes Maltin miktub minn Tony Terribile u tradott għall-Ingliż minn Dun Joe Abela. Iż-Żejtun jidher ukoll f'kotba dwar statwi kif ukoll f'kotba dwar il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira bħal dawk ta' J.F. Grima (24) jew Grech(25). Fis-sena 2008, ħareġ Firenze il-ktieb The Żejtun Painting: Shades of Caravaggio, editjat minn Roberta Lapucci. Għażla ta' niċeċ miż-Żejtun tidher fil-volum 14 tal-Kullana Kulturali, Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin.

Dwar personalitajiet Żwieten wieħed jista' jikkonsulta dizzjunarji bijografiċi bħal dawk ta' Robert Mifsud Bonnici (26), Michael Galea (27) u Michael J. Schiavone (28). Il-kotba li ttrattaw l-elezzjonijiet politiċi joffru mera ta' kif iż-Żwieten ivvutaw meta daħal il-prinċipju elettiv u liema Żwieten rebħu siġġu fil-Kunsill tal-Gvern, l-Assemblea Leġislattiva jew il-Kamra tad-Deputati (29).

Referenzi għaż-Żejtun u ż-Żwieten joħorġu wkoll f'kotba li jmissu suġġetti bħall-emigrazzjoni, l-arti, l-antropoloġija, l-arkeoloġija, storja tal-mediċina, storja ekklesjastika, storja tal-kriminalità, storja tal-edukazzjoni (30) u l-iżvilupp politiku u kostituzzjonali (31). Wieħed jista' jaqra dwar iż-Żejtun fit-Tieni Gwerra Dinjija f'pubblikazzjonijiet bħal The Second Great Siege ta' C.J. Boffa u l-pubblikazzjoni Malta at War ta' Mark Anthony Vella u John A Mizzi. David Trump f'Malta An Archeological Guide jagħtina indikazzjoni tajba tal-arkeoloġija fiż-Żejtun.

Ma naqsux ukoll papers akkademiċi dwar iż-Żejtun ippubblikati kemm lokalment u kemm internazzjonalment. Francis Ciappara ppubblika fil-journal Confraternities tal-2012, l-istudju 'Parish priest and Confraternity: Conflict at the Parish Church of St Catherine's in†Żejtun, Malta, 1769-1801.' Anthony J. Frendo kien ippubblika l-paper 'A new Punic Inscription from†Żejtun†(Malta) and the Goddess Anat-Astarte' li deher f'Palestine Exploration Quarterly tal-1999. Carmel Vassallo kien ippubblika l-istudju 'Żejtun: An Eighteenth-Century Smart City' fil-Melita Historica tal-Malta Historical Society. Il-kummerċ bejn iż-Żejtun u Spanja jidher fil-ktieb Corsaring to Commerce tal-istess Vassallo. Brian Blouet jsemmi dan l-aspett fit-teżi tiegħu The Changing Landscape of Malta during the Rule of the Order of St John.




Trevor Żahra ppubblika ktieb dwar zijuh il-pittur Ġużeppi M. Caruana fejn joffri daħla u gallarija tax-xogħolijiet ta' Caruana li għandu f'diversi knejjes u postijiet oħrajn (32). Żahra nkluda wkoll numru ta' portraits ta' Caruana. Il-ktieb għandu fotografija professjonali ta' Daniel Cilia. Inċidentalment, ix-xogħol letterarju ta' Trevor Żahra, iż-Żejtun ixxommu l-ħin kollu. Min jista' jiċħad li Kunċett u Marinton huma Żwieten u li l-ktieb huma ambjentat iż-Żejtun? L-istess fin-novelli tiegħu (33). Iż-Żejtun jinħass. U għalkemm juża r-raħal, Żahra ifittex rendiment u territorju modern għal-letteratura tiegħu. Is-Surmast mill-ġdid ambjentah fiż-Żejtun. Tajjeb inżommu f'moħħna li l-familja Zahra kellha l-istamperija Lotus mar-residenza tagħhom fi Triq Piju X. Minn hemm laħqu ħarġu kotba ta' Mary Mejlaq (34).

Hemm ukoll il-kantati jew l-oratorji li nkitbu minn żmien għal żmien, minn awturi bħal Trevor Żahra, li jitfgħu dawl fuq iż-Żejtun għalkemm mhumiex strettamenti sorsi għar-riċerka minħabba li l-immaġinazzjoni tal-awtur tilgħab logħba ewlenija. Għalkemm bla dubju, l-awturi ta' dawn ix-xogħolijiet għamlu r-riċerka tagħhom ukoll.

Hemm sorsi oħrajn bħal Blue Books, reġistri elettorali u ċensimenti li bla dubju huma sorsi biex wieħed janalizza u japprezza d-dinamika demografika fost l-oħrajn. Dawn huma sorsi primarji u iktar għall-istudjuż milli għall-qarrej.

Il-gazzetti jibqgħu għajn oħra importanti biex individwu jibni storja ta' raħal inkella biex isib artikli dwar iż-Żejtun. M' għandniex xi ngħidu fil-gazzetti mhux kollox hu vanġelu u min jistudja dan is-sors irid iżomm f'moħħu min hu l-propjetarju tal-gazzetta u min huma l-klijenti tiegħu.

Ma naqsux ukoll, minn żmien għal ieħor, teżijiet dwar iż-Żejtun li saru fl-università ta' Malta u anki

f'universitajiet barranin. Il-lista hija pjuttost twila u saru f'diversi dipartimenti u fakultajiet. Għalkemm mhux ippubblikati, dawn l-għodod għandhom l-importanza tagħhom ukoll u ħasra li ma jiġux ikkonsultati jew ftit. Illum ħafna minn dan ix-xogħol qed jitpoġġa online b'aċċess liberu.

Fost l-oħrajn Madeline Micallef kitbet dwar L-Omm u t-Tfal: Fir-Raħal ta' Fuq u r-Raħal t'isfel fiż-Żejtun fejn fost l-oħrajn teżamina d-djalett Żejtuni u l-varjazzjonijiet (35). Karen Abela kitbet analiżi strutturali dwar il-knisja ta' San Girgor (36) waqt li Yvette Demicoli studjat aspetti soċjali u ekonomiċi fiż-Żejtun (37). Teżi li ħasra qatt ma ġiet ippubblikata hi ta' Joel Fenech, Effect of Folklore, Customs and Traditions on Urban Morphology: a Case Study of Zejtun. Cherise Caruana ħadmet fuq katalgu tax-xogħolijiet tal-arti tas-seklu 17 u 18 li hemm fil-mużew tal-parroċċa (38).

Din il-kitba tagħti ħarsa lejn is-sorsi ewlenin biex dak li jkun jifhem l-istorja taż-Żejtun. Il-biblijografija hija konsiderevoli meta tqis kollox. Bla dubju, jaf hemm xi testi li ma kinux inklużi.


Referenzi:
1. Il-Kunsill Lokali Qrendi hu eżemplari f'dal-qasam. Biss biss fl-2024 ippubblika tliet kotba b'appell storiku.
2. L-edizzjoni oriġinali ta' Bliet u Rħula Maltin tmur lura għall-1972. Għal ħafna snin kien kważi l-eniklopedija fis-suġġett u punt ewlieni ta' referenza.
3. Niftakar lill-medjavalista Godfrey Wettinger fil-lectures tiegħu jagħti ġieħ lil Micallef u min jafu Wettinger ma kienx it-tip li jfaħħar għalxejn. Kien skruplu ħafna fit-tifħir.
4. Ara Ġużeppi Micallef, Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha (Malta, 1975).
5. Ara Joseph Micallef, L-Istorja ta' Ħal Safi (Malta, 1980).
6. Ara Sergio Grech, "Il-Kotba tal-Iskola: Ġabra ta' Ward," Encore, Settembru 2023, 26.
7. Il-kattedra tal-Malti kienet imtliet minn Ġużè Aquilina, mill-Munxar, Għawdex.
8. Ara t-taqsima tal-ktieb p.p. 41 sa 54. Din kienet epoka meta f'Malta kienet qed tinfirex l-idea ta' oratorji għat-tfal u żgħażagħ fuq il-mudell ta' San Ġwann Bosco. Il-ktieb ġie stampat għand Giovanni Muscat tal-Belt.
9. Ara l-bijografija ta' Walter Zahra miktuba minn Sergio Grech u ppubblikata fl-2022 minn Wirt iż-Żejtun li tidħol f'dawn l-aspetti.
10. Ara W. Zahra, The Old Church of St Gregory at Żejtun (Malta, 1973).
11. Illum mill-ġdid qed nistennew riżultati ta' studju kkummissjonat minn Wirt iż-Żejtun dwar l-għadam ta' San Girgor. Fi tfulitna, dak l-għadam kien jixgħel l-immaġinazzjoni tagħna.
12. Ara r-rappurtaġġ tat-Times of Malta, 15.4.1969.
13. Ara referenza 9.
14. Ara Walter Zahra, Il-Ballata ta' San Girgor (Malta, 1983).
15. Ara l-artiklu tiegħi fil-ktieb tal-festa ta' din is-soċjetà tal-2022 fejn nanalizza l-kitbiet ta' Abela.
16. Joe Abela, Marsaxlokk a hundred years ago: on the Occasion of the Erection of Marsaxlokk as an independent Parish (Malta, 1997). Il-ktieb huwa bil-Malti u l-Ingliż.
17. Joe Abela, Wied il-Għajn: Pubblikazzjoni f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Parroċċa u fl-Okkażjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja (Malta, 1999). Il-pubblikazzjoni hija bilingwali.
18.Ara https://wirtizzejtun.com.
19. Ara Sergio Grech, It-Tabib Sandy (Malta, 2013) fejn iż-Żejtun huwa msemmi l-ħin kollu.
20. Ara Trevor Zahra, Il-Ġenn li jżomni f'Sikti (Malta, 2008).
21. Ara Sergio Grech, Trevor Żahra Bejn Storja u Miti pubblikazzjoni Horizons. Fil-kitba tiegħi nitkellem ukoll dwar missieru Walter u nidħol fil-qalb tal-kultura Żejtunija. Din il-pubblikazzjoni ġiet qabel il-bijografija ta' Walter Zahra.
22. Godfrey Wettinger, "The Militia List of 1419-1420: A new starting point for the study of Malta's population." Melita Historica, 5(2), 80-105. Is-sejba ta' dan id-dokument kienet drammatika u importantissima.
23. Godfrey Wettinger, Place Names of the Maltese Islands (Malta, 2008), 291.
24. Ara J.F. Grima, Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Gżejjer Maltin (Malta, 2012). Grima nnifsu nvolva ruħu fl-organizzazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi.
25. Ara Joseph Grech, Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Malta u Għawdex (Malta, 1999) / Joseph Grech, Il-Vari ta' Kristu Rxoxt fil-Knejjes ta' Malta u Għawdex (Malta, 2000).
26. Ara Robbie Mifsud Bonnici, Dizzjunarju bijo-bibljografiku Nazzjonali (Malta, 1961). Mifsud Bonnici kiteb ukoll dwar baned.
27. Ara Michael Galea, Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin Ilbieraħ u Llum (Malta, 1995).
28. Ara Michael J, Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies, 2 Volumes (Malta, 2008).
29. F'din il-kategorija jaqgħu l-kotba ta' Michael J. Schiavone li abar l-istatistika u l-istorja tal-elezzjonijiet. Esperimenti simili saru minn Xerri u Sacco.
30. Ara pereżempju J. Zammit Mangion, Education in Malta (Malta, 1992). Zammit Mangion għandu volum fil-Kullana Kulturali dwar l-istess suġġett.
31. Ara D. Fenech, 1921: Self Government in Malta (Malta, 2021). Fil-ktieb jidher ritratt ta' Monsinjur Mikiel Gonzi qed jindirizza meeting fil-pjazza taż-Żejtun għall-elezzjoni tas-Senat.
32. Ara Trevor Żahra, Ġużeppi Maria Caruana 1899-1964 (Malta, 2022).
33. Ara n-novelli f'ġabriet bħal Provenz, Sepja, Lubien, u Vespri. Il-kotba kollha żewġ ippubblikati minn Merlin Ltd.
34. Ara referenza 9.
35. Ara Madeline Micallef, L-Omm u t-Tfal: Fir-Raħal ta' Fuq u r-Raħal t'isfel fiż-Żejtun, BA Hons Malti, 2018.
36. Ara Karen Abela, The Old Parish Church of Żejtun: A Structural Analysis, B.E & A (Hons), 2014.
37. Ara Joel Fenech, Effect of Folklore, Customs and Traditions on Urban Morphology: a Case Study of Żejtun, B.E & A (Hons), 2015.
38. Ara Cherise Caruana, A Selective Catalogue of 17th and 18th-century Artworks at the Żejtun Parish Museum, BA Hons History of Art 2020.